Maltese Literature Group Inc.
Grupp Letteratura Maltija Ink.
Incorporation No. A8686H
*Kull korrispondenza għandha tintbagħat lis-Segretarju f'dan l-indirizz:*
**MLG, 477 Royal Parade, Parkville, Victoria 3052**

# FOLJU T'AĦBARIJIET
## Numru 241 :: ĠUNJU, 2016

**Editur: Paul Vella**
paul.vella44@gmail.com

**IL-LAQGĦA LI TMISS SE TKUN NHAR IL-ĦADD, 26 TA' ĠUNJU FIĊ-ĊENTRU MALTI TA' PARKVILLE, FIS-2.00 PM**

## MIŻATA TA' SĦUBIJA

Il-miżata ta' sħubija issa qed titħallas fl-1 ta' Jannar ta' kull sena minn kulħadd. Dan ifisser li l-miżata issa titħallas minn Jannar sa Diċembru. Dawk li għadhom ma ħallsuhiex huma mitluba jagħmlu dan fil-laqgħa li tmiss u jaraw lil Ray Anastasi. Grazzi. Il-miżata għadha $10 kull familja. Grazzi lil dawk li ħallsu l-miżata fl-aħħar laqgħa tagħna. Għad hemm min għadu ma ħallasx tas-sena l-oħra. Ħudu ħsieb.

## IL-BUFFU MISTĦI - *Rita Saliba*




Il-povru Buffu taċ-ċirklu kien jistħi wisq. Kien jittawwal imbeżża' minn wara l-purtiera ... imma xħin jasal il-waqt li joħroġ quddiem l-udjenza, kien jaqbdu paniku kbir! Kemm xtaq li n-nies iċapċpulu u jgħajtulu "Bravu!" Min kien se jgħinu jirbaħ il-mistħija?

Dan hu t-tieni ktieb ta' Rita Saliba maħruġ mill-Horizons fis-sensiela ta' kotba għat-tfal, 'Il-Ktieb Dejjem Ħabib'. Bħal dak ta' qablu, In-Naffar li Xtaq Itir, għandu illustrazzjonijiet mill-isbaħ ta' Naomi Gatt, kif ukoll traduzzjoni għall-Ingliż minn Victor Fenech, l-editur ġenerali ta' din is-sensiela.

Il-paġni tan-nofs tal-ktieb jinkludu tagħrif interessanti dwar il-mużika, u dan isaħħaħ il-ktieb bħala mezz edukattiv u divertenti sew għat-tfal u għal min baqa' jħobb l-istejjer tat-tfal.

## L-400 storja f'GĦIDLI MITEJN – *TELL ME 200*

**— *Ġorġ Mallia***



Ġiovann kien minn dawk li joħlom ħafna. Insomma, minn dawk li l-ħolm kienu jiftakruh, għax ħafna joħolmu, imma mhux kulħadd jifdallu filgħodu xi jkun ġara fil-ħolm.

"Ċari daqs il-kristall," qalli. "Qisni ngħixhom tassew."

Kont għandu nieħu tazza nbid dakinhar. Kont ilni ma narah u kien ilu jistedinni, imma ħajti mħarbta mix-xogħol u stajt biss dakinhar.

"X'toħlom?" staqsejtu, aktar biex ikolli fuq xiex nitkellem.

"Stejjer," qalli. "Daqqa tal-biża', u nqum imwerwer, u daqqa tad-daħk u ndum nidħak qisni l-iblaħ sa filgħaxija. Kultant ikun hemm xi waħda li tfixkilni, għax bħal ma nifhimx xi jkun qed jiġri fiha, imma nirrealizza meta nhewden fuqha matul il-jum."

"U dan ilu jiġri?"

"Tliet mija u disgħa u disgħin lejl," qalli. "Storja ġdida f'kull lejl, u l-ebda waħda s'issa ma kienet bħal ta' qabilha." Xengel rasu, donnu hu stess ma setax jemmen dak li kien qed jgħid.

"Mela l-lejla l-erba' mitt storja," għedtlu b'nofs tbissima hekk kif niżżilt l-aħħar qatriet mit-tazza u qomt biex immur. Wassalni sal-bieb u tlaqtu. Minn ftit 'il bogħod ħarist lura u nħsadt! Rajt lil Ġiovann donnu trasparenti, bħal ruħ qed tgħib quddiem għajnejja.

Ħarist niġri lejn idejja biex nara humiex hemm. Iva. Imma bqajt nhewden. Forsi din kienet l-erba' mitt ħolma ta' Ġiovann. Jien kont. U l-inbid. U l-parlata. Forsi jien kont il-protagonist tal-erba' mitt storja tiegħu!

## IN-NEMMIES — *Charlotte Link* (Maqlub għall-Malti minn **Alfred Scalpello**)




Samson Segal huwa ġuvni li l-ħajja tagħtih bil-ħarta.

Għalhekk jiddeċiedi li jaqbad passatemp ġdid u stramb. Dan iwassal biex il-pulizija tibda tfittxu bħala l-qattiel ta' xi nisa li jgħixu weħidhom kif ukoll tar-raġel tal-ġara tiegħu, Gillian. Hemm xi rabta bejn il-mewt ta' Tom u dawn in-nisa? X'sehem għandu John, l-għalliem tal-isport ta' Becky, bint Gillian, li miegħu din tibda relazzjoni ta' mħabba kontra l-pariri tal-akbar ħabiba tagħha, Tara Caine, avukatessa tal-kuruna magħrufa? L-ispettur li qed imexxi l-istħarriġ ikollu aktar minn għad-ma iebsa biex iħoll din il-kobba mħabbla u jaqbad il-qattiel.

Dan huwa ktieb ieħor ta' Horizons, u jinsab għall-bejgħ mill-ħwienet tal-kotba.

# INAWGURAT IL-MAFKAR F'ĠIEĦ KILIN



L-Akkademja tal-Malti flimkien mal-familja ta' Mikiel Spiteri nhar il-Ħamis 26 ta' Mejju inawguraw il-mafkar ta' Kilin, skultura ta' Joseph Scerri. Il-bust inkixef mill-Onor. Ministru tal-Edukazzjoni u x-Xogħol Evarist Bartolo u jinsab fi Triq il-Kulleġġ, mal-faċċata tal-Iskola Primarja tar-Rabat. Fil-programm ħadu sehem il-Greenfields u nqraw poeżiji u proża minn Vanni Riolo, Rose Caruana, Marċella Agius, Mario Caruana u Cecilia Testa. Tnieda wkoll "...The Island was called Melite" it-traduzzjoni ta' Kilin ta' "Tinsiex Publius, Tinsiex" li ġie ppreżentat minn bint Kilin, Rosalie Caruana. Il-mafkar tbierek mir-Rev. Martin Micallef - Direttur tad-Dar tal-Providenza.

## *Jikteb Sergio Grech . . .*

Ħadt gost nara r-ritratti tal-kxif tal-bust tal-kittieb Kilin. Lil Kilin kont nafu u kien hemm bosta drabi fejn ltqajna wara mikrofonu fil-programmi li għamilt jew f'attivitajiet kulturali. L-ewwel darba li rajt lil Kilin kien meta l-għalliem tal-Malti Anthony Aquilina kien ġabu jiltaqa' magħna, studenti tal-Form 2, peress li konna qed naqraw il-ktieb tiegħu Fuq il-Għajn ta' San Bastjan. Kellimtu l-ewwel darba waqt attivita' organizzata mill-Għaqda Letterarja Maltija fejn hu kien wieħed mill-ġurati f'konkors ta' poeżiji. Dakinhar kien rebaħ raġel twil li wara sirt naf li jismu Louis Briffa. Miegħu bħala għaqda konna organizzajna lejla letterarja fejn il-mistiedna distinti kienu Karmen Mikallef Buħaġar u hu. L-artikli u l-ittri tiegħu jikkoreġu l-barbariżmi li kien jiltaqa' magħhom fl-istampa u fil-media żgur li kienu apprezzati minn bosta.

Qrib is-sena 2000 kien kitibli biex jinfurmani li hu u s-sinjura tiegħu ma kinux se jibqgħu jgħixu fir-residenza tagħhom fi Triq Rue d'Argens l-Imsida imma kienu se jirtiraw fid-Dar tal-Anzjani li hemm fl-istess belt. Niftakar ukoll li kont ltqajt miegħu fid-Day Care Centre tal-Mater Dei ftit sigħat biss qabel ma miet. Kont ħadtlu b'idejh u awgurajtlu minn qalbi. Niftakru jgħidli li mhux iħossu tajjeb.

Kien ħadha bi kbira meta ma rebaħx il-Premju Nazzjonali tal-Ktieb fil-kategorija tar-rumanz u novelli. Kien ħadha bi kbira li l-ġurija tat premju lil Ġuże Stagno (mingħalija t-tieni premju) u Tinsiex Pawlu Tinsiex tiegħu twarrab. Għalih dak ir-rumanz kien il-kapolavur ewlieni tal-karriera letterarja tiegħu. Dan il-kliem kien stqarru fuq Omnibus fuq l-Education 22 fejn kont nippreżenta slot mal-kittieba u l-kotba. Għad niftakar jesprimi d-diżappunt ma' Charles Casha (kont hemm anki jien) f'ikla li l-Akkademja tal-Malti kienet organizzat f'ġieħu fir-restaurant Al Mare, il-Belt. Probabbli kien klexx kulturali qawwi li fi- nalment kien qed jitla' fil-wiċċ. Fiona Vella, f'isem il-WE, kienet stednitni biex nieħu sehem f'Bijografiji li kienu saru dwar Kilin.

## *Ftit emails li nirċievu...*

**Dawn huma ftit emails milli nirċievu. Nirringrazzjaw ukoll lil Charmaine Tanti, Lina Brockdorff, Carmel Mallia, Mario Tabone-Vassallo, Lawrence Camilleri, Carmen Baxter, Kav. Joe M. Attard, Mario Micallef u Charles Briffa li dejjem jieħdu l-ħin biex jiktbu b'ringrazzjament u kumplimenti. Grazzi.**

*Grazzi Paul, interessanti u jinżel għasel ma' min iħobb il-Letteratura Maltija. Dan hu rigal lil bosta, frott l-altruwiżmu, fejn mhemmx interessi ta' profitt. Rigal rari ferm. Grazzi ta' ħinek u saħħtek.*

***Patrick Sammut***

Għażiż Paul, nittama li tinsab tajjeb, waqt li dejjem nammira l-konsistenza u s-serjeta` tal-ħidma tiegħek u sħabek favur Malta. Nirringrazzjak u nselli għalik ħafna. ***Prof. Oliver Friggieri***

*Għażiż Paul, niżżikħajr tal-folju tal-Grupp Letteratura Maltija tal-Victoria, ħarġa ta' Mejju 2016. Din id-darba kien hemm kontinwazzjoni oħra ta' kontenut sublimi, b'poeżiji mpressjonanti u kummenti minn personalitajiet bħal Professur Oliver Friggieri li jagħnu l-folju u jsaħħu ħidmietkom. Grazzi Paul u l-istaff. B'imħabba:*

***Mario Griscti***

Għażiż Paul, nirringrazzjak ħafna talli għoġbok tinkludi r-rapport dwar il-ktieb tiegħi, "Huta". Napprezza ħafna.
Nieħu l-okkażjoni nifrah lilek u lil sħabek tax-xogħol li qed tagħmlu b'dan il-fuljett letterarju li toħorġu regolarment. Tislijiet u ħajr.

***Dr Immanuel Mifsud***

*Għażiż Paul, nirringrazzjak minn qalbi għal PDF tal-Folju tal-Grupp Letteratura Maltija u għall-impenn tiegħek u ta' sħabek b'risq il-Letteratura Maltija. Nibgħat inselli għalikom u nixtiqilkom kull ġid.*

***Prof. Rena Balzan***

***Mill-ħabib tagħna f'Malta... ENZO GUSMAN***




Department of Premier and Cabinet
OFFICE OF MULTICULTURAL AFFAIRS AND CITIZENSHIP

*Proudly supported by the Office of Multicultural Affairs and Citizenship*

BANK OF VALLETTA p.l.c.
*Uffiċċju Rappreżentattiv:*
**16 Watt Street, Sunshine 3020**
**Telephone: 9311-3222**